# ADORAZZJONI

GĦAS-SOLENNITÀ TA’ GĦID IL-ĦAMSIN / PENTEKOSTE

---

## A. TALBA TAL-BIDU

**+ Fl-isem tal-Missier, u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Ammen.**

**VIŻTA**: *Tislima lil Ġesù preżenti fil-knejjes.*

**Kant:** **Jien nadurak bil-qima**

Jien nadurak bil-qima, Alla li tinsab,
Moħbi hawn quddiemi taħt dawn ix-xbihat.
Lilek qalbi kollha hawn f’riġlejk nagħtik;
Meta naħseb fuqek ħsiebi nitlef fik. *I – Missierna, Sliema, Glorja*

L-għajn, l-idejn, it-togħma Lilek ma jħossux:
Iżda biss b’li smajna għala ma nemmnux?
Nemmen li qalilna l-Iben tal-Mulej;
Xejn mhu iżjed minnu mill-kliem tal-Feddej. *II – Missierna, Sliema, Glorja*

Man-natura t’Alla li fuq salib ħbejt,
Hawn suriet il-bniedem taħt il-ħobż għattejt.
Bniedem Alla nemmnek, nistqarr bla tlaqliq;
Nitlob, żgur li naqla’, niedem bħall-ħalliel. *III – Missierna, Sliema, Glorja*

Bħal Tumas il-ġrieħi jiena ma nilmaħx;
Iżda Mulej u Alla nagħrfek ma nibżax;
Dejjem iżjed saħħaħ dan twemmini fik,
Kattar fija t-tama, tgħix imħabbti bik. *IV – Missierna, Sliema, Glorja*

O tifkira għażiża ta’ mewt il-Mulej,
Int ħobż ħaj u tgħajjex, b’ħajjet il-Feddej;
il-ruħi għajjixli bik, Ġesù ħanin;
oħla milli nagħrfek l-ebda ikel bnin. *V – Missierna, Sliema, Glorja*

O Ġesù hekk twajjeb, Pelikan qaddis,
Saffi Int lil Qalbi b’demmek il-għażiż;
Li b’qatra biss minnu, O Ġesù maħbub,
Tista’ d-dinja kollha tnaddaf minn kull dnub. *Skont il-Fehma tal-Papa*
*– Missierna, Sliema, Glorja*

O Ġesù li nilmħek, f’dal-misteru kbir,
Dan li qed nitolbok kemm nixtieq jsir:
Li kif nara lilek bid-dawl tat-twemmin,
Niġi ħejk fil-glorja, O Ġesù ħanin.

## <u>INNU:</u> SPIRTU QADDIS LI ĦLAQTNA (VENI CREATOR SPIRITUS)

**Spirtu qaddis li ħlaqtna,**
**ejja lill-moħħ dawlilna,**
**imla bil-grazzja tiegħek**
**il-qlub li int ħlaqtilna.**

Int l-akbar don ta’ Alla,
li tieqaf dejjem magħna:
għajn, ħajja, nar, imħabba
u qawwa tar-ruħ tagħna.

**Int tqassam seba’ doni,**
**int l-id il-leminija**
**tal-Missier, minnu mwiegħed,**
**fik bl-għerf l-ilsna mogħnija.**

Ixgħel id-dawl lis-sensi,
kebbes il-qlub bl-imħabba,
u saħħaħ dan ġisimna
mill-mard li fih jitrabba.

**Bogħod minna żomm ’il-għadu,**
**lilna fis-sliem henjin,**
**mexxina int, biex nibqgħu**
**mid-deni meħlusin.**

Agħmel li nsiru nafu
bik lill-Missier u ’l-Ibnu;
li fik, Spirtu li tqaddes,
bla nieqfu dejjem nemmnu.

**Glorja ’l-Missier, lill-Iben**
**li qam minn bejn l-imwiet,**
**l-Ispirtu, faraġ tagħna,**
**għal dejjem fis-smewwiet. Ammen.**

**JEW**

**<u>INVOKAZZJONI:</u> ĦALLIEQ TA' KOLLOX, EJJA (VENI CREATOR SPIRITUS)**

**Ħallieq ta' kollox, ejja,**
**o Spirtu, żur lil ruħna:**
**bil-grazzja tiegħek fawwar**
**il-qlub maħluqa minnek.**

Int Difensur u Faraġ,
id-don ta' Alla l-Għoli,
għajn ħajja, nar, imħabba,
u qawwa tar-ruħ tagħna.

**Int turi l-qawwa t'Alla**
**Bis-seba' doni tiegħek:**
**Int mill-Missier imwiegħed**
**Biex tagħti l-kliem lil fommna.**

Mexxina fid-dawl tiegħek,
bi mħabbtek imla qalbna,
bil-qawwa tiegħek wettaq
il-ġisem dgħajjef tagħna.

**Biegħed minn fostna l-għadu,**
**fis-sliem għal dejjem żommna;**
**jekk int quddiemna timxi,**
**neħilsu minn kull deni.**

Kun fina, w bid-don tiegħek
nagħrfu l-Missier u l-Iben,
u nemmnu b'fidi sħiħa
li int l-Ispirtu tagħhom. Ammen.

## B. RUŻARJU

Alla tagħna, isma’ t-talb tagħna, eħles, għinna u ieqaf magħna.
Glorja lill-Missier, u lill-Iben, u lill-Ispirtu s-Santu,
kif kien fil-bidu, issa u dejjem, u jibqa’ għal dejjem ta’ dejjem. Ammen.

*Qabel it-tħabbira ta’ kull Misteru*

Marija Santissima wrina li inti ommna: għalik jisma’ t-talb tagħna,
dak li twieled għalina u ried ikun bniedem bħalna.
O Ġesù tiegħi, aħfrilna dnubietna, eħlisna min-nar tal-infern,
ħu l-ġenna ’l-erwieħ kollha, l-aktar dawk li għandhom bżonn
tal-ħniena tiegħek.

**L-EWWEL MISTERU:**

**Ġesù ikkonċeput fil-ġuf ta’ Marija bil-ħidma tal-Ispirtu s-Santu.**

**KANT:** **Sliem għalik, ħelwa Marija**
Sliem għalik, ħelwa Marija
Ġmielek sħiħ, bil-grazzja far
Omm Ġesù, sirt meta f'darek
Anġlu ħabbar, lilek ġie żar.

**[Lq 1:30]** Iżda l-anġlu qalilha:
"Tibżax, Marija, għax inti sibt grazzja quddiem Alla.
**[Lq 1:31]** Ara, inti se tnissel fil-ġuf u jkollok iben u ssemmih Ġesù.
**[Lq 1:32]** Hu jkun kbir, u jkun jissejjaħ Bin l-Għoli.
Il-Mulej Alla jagħtih it-tron ta’ David missieru
**[Lq 1:33]** u jsaltan għal dejjem fuq dar Ġakobb,
u ma jkunx hemm tmiem għas-saltna tiegħu."
**[Lq 1:34]** Iżda Marija qalet lill-anġlu:
"Kif ikun dan, ladarba ma nagħrafx raġel?"
**[Lq 1:35]** Wieġeb l-anġlu u qalilha: "L-Ispirtu s-Santu jiġi fuqek,
u l-qawwa ta' l-Għoli tixħet id-dell tagħha fuqek.
U għalhekk dak li jitwieled minnek ikun qaddis,
u jissejjaħ Bin Alla.

***Missierna*, *Sliema* (x10), u *Glorja*.**

Marija Santissima wrina li inti ommna: għalik jisma’ t-talb tagħna,
dak li twieled għalina u ried ikun bniedem bħalna.
O Ġesù tiegħi, aħfrilna dnubietna, eħlisna min-nar tal-infern,
ħu l-ġenna ’l-erwieħ kollha, l-aktar dawk li għandhom bżonn
tal-ħniena tiegħek.

**<u>IT-TIENI MISTERU</u>:**

**Ġesù jitgħammed minn Ġwanni l-Battista fix-xmara Ġordan u jiġi kkonsagrat Messija mill-Ispirtu s-Santu.**

**KANT:** **L-Ispirtu tal-Mulej qed jistrieħ fuqi**
L-Ispirtu tal-Mulej qed jistrieħ fuqi,
L-Ispirtu tal-Mulej ikkonsagrani;
ħa nwassal bxara tajba,
bxara tajba lill-fqajrin,
faraġ u sliem, ħelsien lill-imjassrin.

L-Ispirtu t’għerf u dehen qed jistrieħ fuqi,
idawwal triqti twila, ftit mudlama;
jagħtini għanja ġdida,
x’ngħanni b’ħeġġa lill-bnedmin,
kliem mimli sliem inxandar lil kulħadd.

**[Lq 3:21]** Ġara li, wara li tgħammed il-poplu kollu, Ġesù tgħammed ukoll,
u waqt li kien qiegħed jitlob, is-smewwiet infetħu,
**[Lq 3:22]** u niżel l-Ispirtu s-Santu u deher fuqu fis-sura ta’ ħamiema.
U mis-sema ġie leħen jgħid:
"Inti Ibni l-għażiż; fik sibt l-għaxqa tiegħi."

***Missierna*, *Sliema* (x10), u *Glorja*.**

Marija Santissima wrina li inti ommna: għalik jisma’ t-talb tagħna,
dak li twieled għalina u ried ikun bniedem bħalna.
O Ġesù tiegħi, aħfrilna dnubietna, eħlisna min-nar tal-infern,
ħu l-ġenna ’l-erwieħ kollha, l-aktar dawk li għandhom bżonn
tal-ħniena tiegħek.

**<u>IT-TIELET MISTERU</u>:**

**Ġesù jħabbar is-Saltna t’Alla**
**u jistieden biex nitwieldu mill-Ispirtu s-Santu.**

**KANT:** **The Kingdom of God**
The Kingdom of God is justice and peace
And joy in the Holy Spirit
Come, Lord and open in us the gates of your kingdom.

**[Ġw 3:4]** Qallu Nikodemu: "Kif jista' wieħed jitwieled wara li jkun xjieħ?
Jista' forsi jerġa' jidħol f'ġuf ommu u jitwieled?"
**[Ġw 3:5]** Wieġbu Ġesù: "Tassew tassew ngħidlek,
li jekk wieħed ma jitwelidx mill-ilma u l-Ispirtu,
ma jistax jidħol fis-Saltna ta' Alla.
**[Ġw 3:6]** Dak li jitwieled mill-ġisem hu ġisem;
u dak li jitwieled mill-Ispirtu hu spirtu.
**[Ġw 3:7]** La tistagħġibx jekk jiena għedtlek
li jeħtiġilkom titwieldu mill-ġdid.
**[Ġw 3:8]** Ir-riħ fejn irid jonfoħ; tisma' ħossu, imma ma tafx mnejn hu ġej
jew fejn hu sejjer. Hekk jiġri minn kull min jitwieled mill-Ispirtu."

***Missierna*, *Sliema* (x10), u *Glorja*.**

Marija Santissima wrina li inti ommna: għalik jisma' t-talb tagħna, dak li twieled għalina u ried ikun bniedem bħalna.
O Ġesù tiegħi, aħfrilna dnubietna, eħlisna min-nar tal-infern, ħu l-ġenna 'l-erwieħ kollha, l-aktar dawk li għandhom bżonn tal-ħniena tiegħek.

**<u>IR-RABA' MISTERU</u>:**

**Wara li ġie mislub, maqtul, u midfun,**
**Ġesù Rxuxtat jagħti l-Ispirtu s-Santu lill-Appostli**
**biex jaħfru d-dnubiet.**

**KANT:** **L-Ispirtu tal-Mulej qed jistrieħ fuqi**
L-Ispirtu kollu paċi jistrieħ fuqi,
bħal xmara t'hena kbir issawwab fija;
biex fommi jlissen, jgħanni
kliem Ġesù, is-Salvatur,
li fostna ġie iferraħ l-imnikktin.

L-Ispirtu tal-imħabba jistrieħ fuqi,
l-Ispirtu ta' Ġesù qed iħeġġiġni;
biex bħalu nagħti ħajti,
qalbi noffri lill-bnedmin,
ħa jseħħ is-sliem, ikollna ferħ dejjiem.

**[Ġw 20:19]** Dak in-nhar fil-għaxija, fl-ewwel jum tal-ġimgħa,
meta d-dixxipli kienu flimkien imbeżżgħa mil-Lhud,
bil-bibien magħluqa, ġie Ġesù u qagħad f'nofshom;
u qalilhom: "Is-sliem għalikom!"
**[Ġw 20:20]** Kif qal hekk, uriehom idejh u ġenbu.
Id-dixxipli ferħu meta raw lill-Mulej.
**[Ġw 20:21]** Mbagħad Ġesù tenna jgħidilhom: "Is-sliem għalikom!
Kif il-Missier bagħat lili, hekk jien nibgħat lilkom."
**[Ġw 20:22]** Kif qal hekk, nefaħ fuqhom u qalilhom:
"Ħudu l-Ispirtu s-Santu.
**[Ġw 20:23]** Dawk li taħfrulhom dnubiethom ikunu maħfura,
u dawk li żżommuhomlhom ikunu miżmuma."

***Missierna*, *Sliema* (x10), u *Glorja*.**

Marija Santissima wrina li inti ommna: għalik jisma' t-talb tagħna,
dak li twieled għalina u ried ikun bniedem bħalna.
O Ġesù tiegħi, aħfrilna dnubietna, eħlisna min-nar tal-infern,
ħu l-ġenna 'l-erwieħ kollha, l-aktar dawk li għandhom bżonn
tal-ħniena tiegħek.

**<u>IL-ĦAMES MISTERU</u>:**

**Ġesù li jmexxi l-Knisja ta' kull żmien bl-Ispirtu s-Santu,**
**li jagħti id-doni u l-kariżmi.**

**KANT:** **Spirtu t'Alla veru ħaj,**
Spirtu t'Alla veru ħaj,
Inżel fuqna lkoll. (x2)
Imliena, iffurmana, ibnina, użana.
Spirtu t'Alla veru ħaj, inżel fuqna lkoll.

**[Rum 8:14]** Dawk kollha li jmexxihom l-Ispirtu ta' Alla huma wlied Alla.
**[Rum 8:15]** Għax intom ma rċevejtux l-ispirtu li jwassalkom għall-jasar
biex terġgħu taqgħu fil-biża',
imma rċevejtu l-Ispirtu li jagħmel minnkom ulied adottivi;
u li bih aħna nistgħu ngħajjtu: "Abbà! Missier!" ...
**[Rum 8:26]** L-Ispirtu, min-naħa tiegħu, jgħinna fin-nuqqas ta' ħila tagħna.
Għax aħna anqas biss nafu nitolbu kif imiss,
imma l-Ispirtu stess jidħol għalina bit-talb tiegħu
bi tnehid li ma jistax jitfisser bil-kliem;
**[Rum 8:27]** u Alla, li l-ħarsa tiegħu tinfed il-qlub,
jaf x'inhi x-xewqa tal-Ispirtu;
bit-talb tiegħu jidħol għall-qaddisin skond ma jrid Alla.

***Missierna*, *Sliema* (x10), u *Glorja*.**

**SALVE REĠINA - *Malti***
Sliem għalik, Sultana, Omm tal-ħniena,
ħajja, ħlewwa u tama tagħna, sliem għalik.
Lilek ngħajtu, aħna tturufnati, ulied Eva.
Lilek nitniehdu, aħna li nibku u nolfqu f'dan il-wied tad-dmugħ.
Ejja, mela, avukata tagħna, dawwar lejna
dawk l-għajnejn tiegħek ta' ħniena.
Urina, wara dan it-turufnament,
lil Ġesù, frott imbierek tal-ġuf tiegħek.
O ħanina, o pija, o ħelwa Verġni Marija.

Itlob għalina qaddisa Omm Alla
*Biex ikun jistħoqqilna dak li wegħedna Kristu.*

**SKONT IL-FEHMA TAL-PAPA U GĦALL-BŻONNIJIET TIEGĦU**
*Missierna, Sliema, u Glorja.*

**GĦALL-ERWIEĦ TAL-PURGATORJU**
Agħtihom o Mulej il-mistrieħ ta' dejjem.
Id-dawl ta' dejjem jiddi fuqhom.
Jistrieħu fis-sliem. Ammen.

**VERĠNI U PURA + GLORJA (x3)**
Verġni u pura qabel it-Twelid
Omm Alla itlob għalina *Sliema.*
Verġni u pura fi Twelid
Omm Alla itlob għalina *Sliema.*
Verġni u pura wara t-Twelid:
Omm Alla itlob għalina *Sliema.*

*Glorja* (x3)

**KANT: Magnificat (canon)**
Magnificat, Magnificat, Magnificat anima mea Dominum.
Magnificat, Magnificat, Magnificat anima mea.

## Ċ. ĦSIEBIJIET

**SEKWENZA:** **SPIRTU S-SANTU EJJA FINA**

**Spirtu Santu, ejja fina,**
**raġġ ta' dawl qaddis agħtina,**
**xerrdu f'ruħna mis-smewwiet.**

O Missier il-foqra tiegħek,
inti ġġib id-doni tiegħek,
tagħni b'dawlek qalb l-ulied.

**Inti l-aqwa faraġ tagħna,**
**fik kull hena x'ħin tkun magħna,**
**tħossok fewġa ħelwa r-ruħ.**

Fl-għejja, lejn is-serħ twassalna;
jekk imħeġġa wisq, trażżanna;
mill-għajnejn tixxotta d-dmugħ.

**O dawl hieni ta' qdusija,**
**nitolbuk li bik mimlija,**
**tkun il-qalb ta' kull fidil.**

Mingħajr dawlek li jmexxina
ebda ħajr ma jkun hemm fina,
ebda safa fil-għemil.

**Naddaf kulfejn hemm it-tbajja',**
**fejn hemm nixfa reġġa' l-ħajja,**
**lill-miġruħ agħti l-fejqan.**

Rattab fina l-ebusija,
agħti lill-berdin bżulija,
għin fit-triq lil min beżgħan.

**Agħti s-seba' doni tiegħek**
**lil min jimxi fidil miegħek**
**u li fik jistrieħ kull ħin.**

Agħti 'l kull virtù sabiħa
ħlas ta' salvazzjoni sħiħa;
agħti l-ġenna lit-tajbin. Ammen.

## **ĦSIEB 1**

**O Spirtu s-Santu**, aħna ngħixu bik:
kun dejjem ir-ruħ li tagħti l-ħajja lill-Knisja u lil kull Nisrani:
kun dejjem l-Imħabba ta' Alla
li tagħmel minn qalbna l-għamara tiegħu
sabiex Hu jidħol f'għaqda sħiħa magħna.

**Minn Omelija tal-Papa Franġisku:**
*Kristu msebbaħ fuq il-lemin tal-Missier*
*jissokta jwettaq il-wegħda tiegħu,*
*u jibgħat fuq il-Knisja lill-Ispirtu li jagħti l-ħajja,*
*li jgħallimna, u jfakkarna, u jagħtina l-kelma.*

*L-Ispirtu s-Santu jgħallimna: hu l-Imgħallem ġewwieni tagħna.*
*Imexxina fit-triq it-tajba, fis-sitwazzjonijiet ta' ħajjitna.*
*Hu jgħallimna t-triq li għandna nimxu. ...*

*L-Ispirtu s-Santu jfakkarna dak kollu li qal Ġesù.*
*Hu l-memorja ħajja tal-Knisja. ...*

*L-Ispirtu s-Santu jagħtina l-kelma,*
*biex illissnuha ma' Alla u mal-bnedmin. ...*
*Jagħtina li nitkellmu ma' Alla fit-talb, fl-att tal-fidi.*
***(OMELIJA TA' GĦID IL-ĦAMSIN, Bażilika San Pietru, Vatikan:- Il-Ħadd 08-06-2014)***

*L-Ispirtu s-Santu dejjem hu magħna, dejjem hu fina, fil-qalb tagħna.*
*L-Ispirtu nnifsu hu "id-don ta' Alla" per eċċellenza (ara Ġw 4:10),*
*hu rigal ta' Alla, u min-naħa tiegħu jagħti lil min jilqgħu*
*għadd ta' doni spiritwali.*
*Il-Knisja ssemmisebgħa, numru li simbolikament ifisser milja.*
***(UDJENZA ĠENERALI, Pjazza San Pietru, Vatikan:- L-Erbgħa 09-04-2014)***

**Ejja, Spirtu s-Santu, imla l-qlub tal-fidili tiegħek,**
**u kebbes fihom in-nar ta' mħabbtek.**

**V/. Ibgħat l-Ispirtu tiegħek u jinħalqu.**
**R/.** U inti ġġedded il-wiċċ tal-art.

**V/. Glorja lill-Missier, u lill-Iben, u lill-Ispirtu s-Santu,**
**R/.** Kif kien fil-bidu, issa u dejjem,
u jibqa' għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

## **ĦSIEB 2**

**O Spirtu ta' Għerf**, aħna nadurawk:
urina x-xejn tal-ħwejjeġ tad-dinja
u l-importanza tal-ħwejjeġ tas-sema.

**Mill-Katekeżi tal-Papa Franġisku:**
*Hawn m'aħniex nitkellmu sempliċement dwar l-għerf uman,*
*li hu frott tal-għarfien u tal-esperjenza....*
*L-Għerf hu dak li jsawwar fina l-Ispirtu s-Santu*
*biex nistgħu naraw kollox b'għajnejn Alla.*
*Dan hu d-don tal-għerf.*
*U ovvjament dan jiġi mill-intimità ma' Alla,*
*mir-relazzjoni intima li aħna nibnu ma' Alla,*
*mir-rabta ta' wlied mal-Missier.*
*Meta nkunu f'għaqda mal-Mulej, l-Ispirtu s-Santu jagħmel*
*li qalbna tinbidel u tħoss is-sħana u l-għożża kollha tiegħu. ...*
*F'dan is-sens qalb il-bniedem għaref*
*għandha l-gost u t-togħma ta' Alla. ...*
*Jekk aħna nisimgħu lill-Ispirtu s-Santu,*
*Hu jgħallimna din it-triq tal-għerf,*
*jagħtina l-għerf li hu li naraw b'għajnejn Alla,*
*nisimgħu b'widnejn Alla, inħobbu b'qalb Alla,*
*niġġudikaw l-affarijiet bil-ġudizzju ta' Alla.*
*Dan hu l-għerf li jagħtina l-Ispirtu s-Santu,*
*u lkoll kemm aħna jista' jkollna minnu.*
*Irridu biss nitolbuh lill-Ispirtu s-Santu. ...*
*U dan id-don ejjew nitolbuh ukoll lill-Madonna,*
*li hi t-Tron tal-Għerf: ħa tkun Hi li tagħtina din il-grazzja.*
***(UDJENZA ĠENERALI, Pjazza San Pietru, Vatikan:- L-Erbgħa 09-04-2014)***

**Ejja, Spirtu s-Santu, imla l-qlub tal-fidili tiegħek,**
**u kebbes fihom in-nar ta' mħabbtek.**

**V/. Ibgħat l-Ispirtu tiegħek u jinħalqu.**
**R/.** U inti ġġedded il-wiċċ tal-art.

**V/. Glorja lill-Missier, u lill-Iben, u lill-Ispirtu s-Santu,**
**R/.** Kif kien fil-bidu, issa u dejjem,
u jibqa' għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

## ĦSIEB 3

**O Spirtu tal-Fehma**, aħna nirringrazzjawk:
dawwalna bil-fidi biex tmexxina f'kull opra tagħna.

**Mill-Katekeżi tal-Papa Franġisku:**
*Hawn m'aħniex nitkellmu dwar l-intelliġenza umana,*
*il-ħila intellettwali li biha nistgħu nkunu mżejna ftit jew ħafna.*
*Imma din hi grazzja li l-Ispirtu s-Santu biss jista' jagħti*
*u li żżejjen lin-Nisrani bil-ħila li jmur lil hemm*
*mill-aspett estern tar-realtà u jgħarbel sa fil-qiegħ tal-ħsieb ta' Alla*
*u tal-pjan tiegħu ta' salvazzjoni. ...*
*Ovvjament dan ma jfissirx li n-Nisrani jista' jifhem kull ħaġa*
*u jkollu għarfien sħiħ tal-pjanijiet ta' Alla:*
*dan kollu jibqa' jistenna li jidher bl-iżjed mod ċar meta nsibu ruħna*
*quddiem it-tron ta' Alla u nkunu tabilħaqq ħaġa waħda miegħU. ...*
*Biss dan id-don jgħinna nifhmu l-ħwejjeġ kif jifhimhom Alla,*
*bl-intelliġenza ta' Alla. ...*
*Hu d-don li bih l-Ispirtu s-Santu jdaħħalna fl-intimità ma' Alla*
*u jagħtina sehem fil-pjan ta' mħabba li Hu għandu magħna. ...*
*Hu jiftħilna moħħna, jiftħilna qlabna biex nistgħu nifhmu aħjar*
*il-ħwejjeġ ta' Alla, il-ħwejjeġ tal-bniedem,*
*is-sitwazzjonijiet, il-ħwejjeġ kollha. ...*
*Nifhmu t-tagħlim ta' Ġesù, nifhmu l-Kelma tiegħu,*
*nifhmu l-Vanġelu, nifhmu l-Kelma ta' Alla. ...*
*Nitolbuh lill-Mulej, biex jagħtina lkoll dan id-don*
*ħalli nifhmu, kif jifhem Hu, il-ħwejjeġ li jiġru*
*u biex, fuq kollox, nifhmu l-Kelma ta' Alla fil-Vanġelu.*

***(UDJENZA ĠENERALI, Pjazza San Pietru, Vatikan:- L-Erbgħa 30-04-2014)***

**Ejja, Spirtu s-Santu, imla l-qlub tal-fidili tiegħek,**
**u kebbes fihom in-nar ta' mħabbtek.**

**V/. Ibgħat l-Ispirtu tiegħek u jinħalqu.**
**R/.** U inti ġġedded il-wiċċ tal-art.

**V/. Glorja lill-Missier, u lill-Iben, u lill-Ispirtu s-Santu,**
**R/.** Kif kien fil-bidu, issa u dejjem,
u jibqa' għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

## **ĦSIEB 4**

**O Spirtu ta' Kunsill**, aħna nfaħħruk:
agħmilna ubbidjenti għat-tnebbieħ tiegħek.

**Mill-Katekeżi tal-Papa Franġisku:**
*Nafu kemm hu importanti li fil-mumenti l-aktar delikati*
*nkunu nistgħu nserrħu fuq is-suġġerimenti ta'*
*persuni għarfa u li jridulna l-ġid.*
*Issa, permezz tad-don tal-kunsill, hu Alla nnifsu li, bl-Ispirtu tiegħu,*
*idawwal il-qalb tagħna, hekk li jgħinna nifhmu x'inhu l-mod xieraq*
*li bih għandna nitkellmu u nġibu ruħna u t-triq li għandna nimxu. ...*
*Il-kunsill hu d-don li bih l-Ispirtu s-Santu*
*lill-kuxjenza tagħna jagħmilha kapaċi tagħmel għażla konkreta*
*f'għaqda sħiħa ma' Alla,*
*skont il-loġika ta' Ġesù u tal-Vanġelu tiegħu. ...*
*Aħna rridu noħolqu l-wisa' lill-Ispirtu,*
*biex jista' jagħtina l-parir tiegħu.*
*U noħolqu l-ispazju għat-talb,*
*biex nitolbu li Hu jiġi u jgħinna dejjem. ...*
*Il-Mulej ma jkellimniex biss fl-intimità tal-qalb tagħna,*
*ikellimna, iva, imma mhux hemm biss,*
*għax hu jkellimna wkoll permezz tal-leħen u x-xhieda ta' ħutna.*
*Hu tabilħaqq don kbir li nistgħu niltaqgħu ma' rġiel u nisa ta' fidi li,*
*fuq kollox fil-perjodi l-iżjed ikkumplikati u importanti ta' ħajjitna,*
*jgħinuna ndawlu l-qalb tagħna biex nistgħu nagħrfu*
*x'inhi r-rieda ta' Alla! ...*
*Jalla l-Ispirtu jkun jista' jsawwab dejjem fi qlubna din iċ-ċertezza*
*u hekk jimliena bil-faraġ u s-sliem tiegħu.*

***(UDJENZA ĠENERALI, Pjazza San Pietru, Vatikan:- L-Erbgħa 07-05-2014)***

**Ejja, Spirtu s-Santu, imla l-qlub tal-fidili tiegħek,**
**u kebbes fihom in-nar ta' mħabbtek.**

**V/. Ibgħat l-Ispirtu tiegħek u jinħalqu.**
**R/.** U inti ġġedded il-wiċċ tal-art.

**V/. Glorja lill-Missier, u lill-Iben, u lill-Ispirtu s-Santu,**
**R/.** Kif kien fil-bidu, issa u dejjem,
u jibqa' għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

## **ĦSIEB 5**

**O Spirtu tal-Qawwa**, aħna nberkuk:
agħmel li nirbħu dejjem l-għedewwa ta' ruħna.

**Mill-Katekeżi tal-Papa Franġisku:**
*Il-lum naħsbu f'dak li jagħmel il-Mulej:*
*Hu jiġi dejjem biex iweżinna fid-dgħufija tagħna:*
*Bid-don tal-qawwa, l-Ispirtu s-Santu jeħles l-art ta' qalbna,*
*jeħlisha mill-ħedla, mid-dubji u mill-biżgħat kollha*
*li jistgħu jżommuha lura, hekk li l-Kelma tal-Mulej*
*tkun tista' titqiegħed fil-prattika, b'mod awtentiku u hieni. ...*
*Hemm ukoll mumenti diffiċli u sitwazzjonijiet estremi*
*fejn id-don tal-qawwa jidher b'mod straordinarju, eżemplari.*
*Bħal fil-każ ta' dawk li jsibu ruħhom f'esperjenzi*
*partikularment iebsin u ta' niket,*
*li jħarbtulhom ħajjithom u dik tal-għeżież tagħhom. ...*
*Biss dan id-don irid ikun in-nota bażika tal-jien Nisrani tagħna:*
*f'kull ġurnata tal-ħajja tagħna ta' kuljum irridu nkunu qawwija,*
*għandna bżonn ta' din il-qawwa, biex nistgħu nibqgħu mmexxu*
*ħajjitna, il-familja tagħna, il-fidi tagħna. ...*
*Xi kultant jista' jkollna t-tentazzjoni li nħallu l-għażż jirbaħna,*
*jew agħar, il-qtigħ il-qalb, quddiem it-taħbit u l-provi tal-ħajja.*
*F'dawn il-każi, ejjew ma naqtgħux qalbna,*
*insejħu l-għajnuna tal-Ispirtu s-Santu,*
*biex bid-don tal-qawwa jerfa' lil qalbna*
*u jimla b'qawwa u ħeġġa ġdida*
*lil ħajjitna u l-mixja tagħna wara Ġesù.*
***(UDJENZA ĠENERALI, Pjazza San Pietru, Vatikan:- L-Erbgħa 14-05-2014)***

**Ejja, Spirtu s-Santu, imla l-qlub tal-fidili tiegħek,**
**u kebbes fihom in-nar ta' mħabbtek.**

**V/. Ibgħat l-Ispirtu tiegħek u jinħalqu.**
**R/.** U inti ġġedded il-wiċċ tal-art.

**V/. Glorja lill-Missier, u lill-Iben, u lill-Ispirtu s-Santu,**
**R/.** Kif kien fil-bidu, issa u dejjem,
u jibqa' għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

## **ĦSIEB 6**

**O Spirtu tax-Xjenza**, aħna nigglorifikawk:
għinna sabiex naqilgħu l-vera sapjenza tal-qaddisin.

**Mill-Katekeżi tal-Papa Franġisku:**
*Meta nitkellmu dwar xjenza, il-ħsieb tagħna minnufih jaqa' fuq*
*il-ħila tal-bniedem li jkun jaf dejjem aħjar ir-realtà li biha*
*hu mdawwar u li jiskopri l-liġijiet li jmexxu n-natura u l-univers.*
*Imma x-xjenza li tiġi mill-Ispirtu s-Santu*
*ma tillimitax ruħha biss għall-għarfien uman:*
*hi don speċjali, li jwassalna biex, permezz tal-ħolqien,*
*nifhmu l-kobor u l-imħabba ta' Alla*
*u r-relazzjoni profonda tiegħu ma' kull ħlejqa.*
*Meta għajnejna huma mdawla mill-Ispirtu,*
*huma jinfetħu għall-kontemplazzjoni ta' Alla, fil-ġmiel tan-natura,*
*u jwassluna biex niskopru kif kull ħaġa*
*tkellimna dwarU u dwar imħabbtu.*
*Dan kollu jqajjem fina għoġba kbira u sens qawwi ta' gratitudni!*
*Hi s-sensazzjoni li nħossu anki meta nammiraw xi opra ta' arti jew*
*kull meravilja oħra li hi frott tal-ġenju u tal-kreattività tal-bniedem:*
*quddiem dan kollu, l-Ispirtu jwassalna biex infaħħru lill-Mulej*
*mill-qiegħ tal-qalb tagħna u biex, f'dak kollu li għandna u aħna,*
*nagħrfu don bla qies ta' Alla u sinjal ta' mħabbtu bla tarf għalina. ...*
*Id-don tax-xjenza jgħinna nilmħu il-ġmiel,*
*iqegħidna f'sintonija qawwija mal-Ħallieq*
*u jagħtina sehem fil-mod ċar ta' kif hu jħares u jiġġudika kollox. ...*
*Nitolbu għalhekk lill-Ispirtu s-Santu d-don tax-xjenza*
*ħalli nistgħu nifhmu sew li l-ħolqien hu l-isbaħ rigal li tana Alla.*

***(UDJENZA ĠENERALI, Pjazza San Pietru, Vatikan:- L-Erbgħa 21-05-2014)***

**Ejja, Spirtu s-Santu, imla l-qlub tal-fidili tiegħek,**
**u kebbes fihom in-nar ta' mħabbtek.**

**V/. Ibgħat l-Ispirtu tiegħek u jinħalqu.**
**R/.** U inti ġġedded il-wiċċ tal-art.

**V/. Glorja lill-Missier, u lill-Iben, u lill-Ispirtu s-Santu,**
**R/.** Kif kien fil-bidu, issa u dejjem,
u jibqa' għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

## **ĦSIEB 7**

**O Spirtu tal-Pjetà**, aħna nitolbuk:
agħmel li nitolbuk aktar bil-ġabra u bl-akbar fervur.

**Mill-Katekeżi tal-Papa Franġisku:**
*Ta' min niċċaraw minnufih li dan id-don*
*ma norbtuhx ma' li tiġik ħniena minn xi ħadd,*
*titħassar lill-proxxmu,*
*imma juri li aħna ta' Alla u r-rabta qawwija tagħna miegħU. ...*
*Qed nitkellmu fuq relazzjoni li ngħixuha mill-qalb:*
*hi l-ħbiberija tagħna ma' Alla, li tahielna Ġesù,*
*ħbiberija li tibdlilna ħajjitna u timliena bil-ħeġġa, bil-ferħ.*
*Għalhekk, id-don tal-pjetà jqanqal fina qabel xejn*
*il-gratitudni u t-tifħir. ...*
*Mela l-pjetà hi ekwivalenti għal spirtu awtentiku reliġjuż,*
*għal kunfidenza ta' wlied ma' Alla, għal dik il-ħila li nitolbuh*
*bi mħabba u sempliċità li jiġu minn persuni ta' qalb umli.*
*Id-don tal-pjetà jkabbarna fir-relazzjoni u fl-għaqda tagħna*
*ma' Alla u jwassalna biex ngħixu ta' wliedu,*
*fl-istess ħin jgħinna biex min-naħa tagħna*
*nxerrdu din l-imħabba anki fuq l-oħrajn u nagħrfuhom b'ħutna.*
*Id-don tal-pjetà jfisser li tkun tassew kapaċi tifraħ ma' min jifraħ,*
*tibki ma' min jibki, toqrob lejn min hu waħdu jew imdejjaq,*
*twissi lil min hu fl-iżball, tfarraġ lil min hu mnikket,*
*tilqa' u tgħin lil min hu fil-bżonn.*
*Hemm rabta qawwija ħafna bejn il-pjetà u l-qalb ħelwa u umli.*
*Dan id-don jagħtina qalb ħelwa, trankwilla, kapaċi tistabar,*
*fis-sliem ma' Alla, għall-qadi tal-oħrajn bil-ħlewwa u t-tjieba.*
***(UDJENZA ĠENERALI, Pjazza San Pietru, Vatikan:- L-Erbgħa 04-06-2014)***

**Ejja, Spirtu s-Santu, imla l-qlub tal-fidili tiegħek,**
**u kebbes fihom in-nar ta' mħabbtek.**

**V/. Ibgħat l-Ispirtu tiegħek u jinħalqu.**
**R/.** U inti ġġedded il-wiċċ tal-art.

**V/. Glorja lill-Missier, u lill-Iben, u lill-Ispirtu s-Santu,**
**R/.** Kif kien fil-bidu, issa u dejjem,
u jibqa' għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

## ĦSIEB 8

**O Spirtu tal-Biża' t'Alla**, aħna nħobbuk:
żommna fil-preżenza tiegħek dejjem u kullimkien.

**Mill-Katekeżi tal-Papa Franġisku:**
*Il-biża' ta' Alla hu d-don ta' l-Ispirtu s-Santu*
*li jfakkarna kemm aħna żgħar quddiemu u quddiem imħabbtu*
*u li l-ġid tagħna qiegħed f'li nintelqu f'idejh*
*b'umiltà, b'rispett u b'fiduċja.*
*Huwa l-abbandun fit-tjieba tal-Missier tagħna li jridilna tant ġid.*
*F'dan is-sens, allura, nifhmu tajjeb kif il-biża' ta' Alla jieħu fina*
*l-bixra ta' doċilità, ta' ħajr u ta' tifħir, u jimla lil qlubna bit-tama. ...*
*Nifthu qalbna, biex it-tjieba u l-ħniena ta' Alla jiġu fina.*
*Dan hu li jagħmel l-Ispirtu s-Santu bid-don tal-biża' ta' Alla.*
*Hekk naslu biex nimxu wara l-Mulej*
*b'umiltà, b'doċilità u b'ubbidjenza.*
*Il-biża' ta' Alla, ma jagħmilx minna Nsara dgħajfa,*
*imma hu don li jagħmilna Nsara konvinti, imħeġġa,*
*li ma joqogħdux għall-Mulej minħabba fil-biża' tagħhom minnu,*
*imma għax huma mqanqla u mirbuħa minn imħabbtu! ...*
*Dan id-don hu anki "twissija" għal min jibqa' mwaħħal fid-dnub.*
*Meta persuna tkun tgħix fid-dnub,*
*meta tidgħi kontra Alla, meta tisfrutta lill-oħrajn,*
*meta ġġibhom taħtha, meta tgħix biss għall-flus, għall-vanità,*
*jew il-poter, jew il-kburija tagħha nfisha,*
*allura l-biża' qaddis ta' Alla jservi ta' twissija: attenzjoni!...*
*Jalla l-biża' ta' Alla jifthilhom għajnejhom ħa jifhmu li jum wieħed*
*kollox għad jispiċċa u li għad iridu jagħtu kont lil Alla.*
***(UDJENZA ĠENERALI, Pjazza San Pietru, Vatikan:- L-Erbgħa 11-06-2014)***

**Ejja, Spirtu s-Santu, imla l-qlub tal-fidili tiegħek,**
**u kebbes fihom in-nar ta' mħabbtek.**

**V/. Ibgħat l-Ispirtu tiegħek u jinħalqu.**
**R/.** U inti ġġedded il-wiċċ tal-art.

**V/. Glorja lill-Missier, u lill-Iben, u lill-Ispirtu s-Santu,**
**R/.** Kif kien fil-bidu, issa u dejjem,
u jibqa' għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

## **ĦSIEB 9**

**O Spirtu ta' Verità, ta' Libertà u ta' Paċi**, aħna nikbru bik:
agħmel li aħna ningħarfu dejjem aktar bħala wlied il-Missier.

**Minn Omelija tal-Papa Franġisku:**
*Il-missjoni ta' Ġesù, li laħqet il-quċċata tagħha*
*fid-don tal-Ispirtu s-Santu, kellha dan l-għan essenzjali:*
*terġa' twaqqaf ir-relazzjoni tagħna mal-Missier,*
*li sfat imfarrka mid-dnub;*
*taqlagħna mill-qagħda ta' ltiema u troddilna dik ta' wlied. ...*
*L-Ispirtu hu mibgħut mill-Missier u jwassalna għand il-Missier. ...*
*Il-qagħda ta' wlied hi l-vokazzjoni tagħna sa mill-bidu,*
*hi dak li għalih inħlaqna, li imma ġiet imħassra, u biex terġa' tieħu*
*l-ħajja kellha bżonn tas-sagrifiċċju tal-Iben il-Waħdieni.*
*Mill-ogħla don ta' mħabba li hi l-mewt ta' Ġesù fuq is-salib,*
*gelgel għal fuq il-bnedmin kollha, bħal nixxiegħa kbira ta' grazzja,*
*it-tiswib tal-Ispirtu s-Santu.*
*Minn jinxteħet b'fidi f'dan il-misteru ta' ħajja ġdida*
*jerġa' jitwieled għall-milja tal-ħajja ta' iben.*
*"Ma nħallikomx iltiema"(Ġw14:18). ...*
*Dan il-kliem ta' Ġesù jġagħilna naħsbu wkoll*
*fuq il-preżenza materna ta' Marija fiċ-Ċenaklu.*
*L-Omm ta' Ġesù tinsab fil-komunità tad-dixxipli miġbura fit-talb:*
*hi memorja ħajja ta' l-Iben u invokazzjoni ħajja ta' l-Ispirtu s-Santu.*
*Hi Omm il-Knisja. Fl-interċessjoni tagħha nafdaw b'mod partikulari*
*lill-Insara kollha, il-familji u l-komunitajiet*
*li f'dan il-mument l-iktar li għandhom bżonn tal-qawwa*
*tal-Ispirtu Paraklitu, Difensur u Konsolatur.*
***(OMELIJA TA' GĦID IL-ĦAMSIN, Bażilika San Pietru, Vatikan:- Il-Ħadd 15-05-2016)***

**Ejja, Spirtu s-Santu, imla l-qlub tal-fidili tiegħek,**
**u kebbes fihom in-nar ta' mħabbtek.**

**V/. Ibgħat l-Ispirtu tiegħek u jinħalqu.**
**R/.** U inti ġġedded il-wiċċ tal-art.

**V/. Glorja lill-Missier, u lill-Iben, u lill-Ispirtu s-Santu,**
**R/.** Kif kien fil-bidu, issa u dejjem,
u jibqa' għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

**KANT:** **In te confido**
O Jesu Christe, o in te confido.
O Jesu Christe, o in te confido.

**KANT:** **Spiritus Jesu Christi**
Spiritus Jesu Christi, Spiritus caritatis,
Confirmet cor tuum. (x2)

**KANT:** **Dominus Spiritus est**
Dominus Spiritus est.
Spiritus autem vivificat.
Spiritus autem vivificat.

**KANT:** **Esprit consolateur**
Esprit consolateur, amour de tout amour.
Esprit consolateur, amour de tout amour. O--- O---

**KANT:** **Tu sei sorgente viva**
Tu sei sorgente viva,
tu sei fuoco, sei carità.
Vieni Spirito Santo, vieni.

**KANT:** **Tui amoris ignem / Veni Sancte Spiritus**
Veni Sancte Spiritus, tui amoris ignem accende.
Veni Sancte Spiritus, veni Sancte Spiritus.

**KANT:** **Veni Creator Spiritus (Canon)**
Veni Creator, Veni Creator, Veni Creator Spiritus.

**KANT:** **Veni Lumen (Canon)**
O Veni Spiritus, Veni Creator Spiritus.
O Veni Lumen, Veni Lumen cordium, Veni Lumen cordium.

**KANT: Libbisna bil-qawwa**

Ejja fina, Spirtu Qaddis
Ejja u imla l-qlub tagħna
Int il-wegħda li għamlilna Ġesù
U li dejjem tibqa' magħna.

Ejja fina, Spirtu Qaddis
Ejja u dawwal ir-ruħ tagħna
U mexxina mal-medda taż-żmien
Fid-dawl tiegħek tiggwidana.

Rit: Libbisna bil-qawwa,
O Spirtu ta' Ħajja
Flimkien ħaġa waħda, imqanqlin
O Spirtu ta' Alla l-Ħaj.
Libbisna bil-qawwa,
O Spirtu ta' Ħajja
Fik ngħixu fl-imħabba, fik biss
O Spirtu ta' Alla l-Ħaj.

Kebbes fina, Spirtu Qaddis
Nar li jħeġġeġ il-qlub tagħna
Li timliena bil-ħajja mill-ġdid
U fi mħabbtek tiffurmana.

Rit: Libbisna bil-qawwa,
O Spirtu ta' Ħajja
Flimkien ħaġa waħda, imqanqlin
O Spirtu ta' Alla l-Ħaj.
Libbisna bil-qawwa,
O Spirtu ta' Ħajja
Fik ngħixu fl-imħabba, fik biss
O Spirtu ta' Alla l-Ħaj.

## D. LITANIJA LILL-ISPIRTU S-SANTU

| | |
|---|---|
| Mulej ħniena, | Mulej ħniena |
| Kristu ħniena, | Kristu ħniena |
| Mulej ħniena, | Mulej ħniena |
| Kristu ismagħna, | Kristu ismagħna |
| Kristu ilqa' t-talb tagħna, | Kristu ilqa' t-talb tagħna |
| Missier Etern Alla, | ħenn għalina |
| Iben Alla li fdejt id-dinja, | ħenn għalina |
| Spirtu s-Santu Alla, | ħenn għalina |
| Trinità Qaddisa Alla wieħed, | ħenn għalina |
| ***Għal kull invokazzjoni nwieġbu:*** | ejja fuqna |
| Spirtu s-Santu, perit tal-ħolqien | ejja fuqna |
| Spirtu s-Santu, li nebbaħt il-profeti | ejja fuqna |
| Spirtu s-Santu, mistieden fertili tal-Verġni Marija | ejja fuqna |
| Spirtu s-Santu, li nżilt fuq il-Messija | ejja fuqna |
| Spirtu s-Santu, rigal tal-Imsallab | ejja fuqna |
| Spirtu s-Santu, blanzun li twarrad fil-Knisja | ejja fuqna |
| Spirtu s-Santu, ħarries tal-għaqda | ejja fuqna |
| Spirtu s-Santu, ilma li jagħti l-ħajja | ejja fuqna |
| Spirtu s-Santu, ħajja li tagħmilna wlied Alla | ejja fuqna |
| Spirtu s-Santu, żejt li kkonsagrajtna fi Kristu | ejja fuqna |
| Spirtu s-Santu, għajn ta' kull don | ejja fuqna |
| Spirtu s-Santu, inċens ta' ħajja ta' talb | ejja fuqna |
| Spirtu s-Santu, nar ta' xhieda | ejja fuqna |
| Spirtu s-Santu, dawl tal-fidi | ejja fuqna |
| Spirtu s-Santu, melħ tal-għerf | ejja fuqna |
| Spirtu s-Santu, balzmu tal-konsolazzjoni | ejja fuqna |
| Spirtu s-Santu, fwieħa tal-qdusija | ejja fuqna |
| Spirtu s-Santu, riħ li jonfoħ fuq art niexfa | ejja fuqna |
| Spirtu s-Santu, mgħallem interjuri ta' kull qalb | ejja fuqna |
| Spirtu s-Santu, mexxej tar-ragħajja | ejja fuqna |
| Spirtu s-Santu, qawwa tal-martri | ejja fuqna |
| Spirtu s-Santu, ħabib tal-familja | ejja fuqna |
| Spirtu s-Santu, ċurkett tal-Verġni | ejja fuqna |

Spirtu s-Santu, garanzija tal-ħajja ta' dejjem — ejja fuqna
Spirtu s-Santu, Imħabba mhux maħluqa — ejja fuqna
Spirtu s-Santu, li tgħix mal-Missier u mal-Iben — ejja fuqna

***Għal kull invokazzjoni nwieġbu:*** isma', o Missier, it-talbiet tagħna

Agħtina **l-Ispirtu ta' Mħabba**:
iġbor il-Knisja f'ġisem wieħed u ruħ waħda fi Kristu
isma', o Missier, it-talbiet tagħna

Agħtina l-**Ispirtu tal-Qdusija**:
biex insiru nixbħu aktar lil Kristu
u nkunu fidili għas-sejħa tal-Magħmudija
isma', o Missier, it-talbiet tagħna

Agħtina l-**Ispirtu ta' Konsolazzjoni**:
wieżen lill-imjassra,
agħti fiduċja lil dawk li huma bla kuraġġ,
u nissel f'kulħadd it-tama
isma', o Missier, it-talbiet tagħna

Agħtini l-**Ispirtu tal-Għerf**:
mexxi lill-ġenituri, l-imgħallmin u l-katekisti
fil-missjoni li jedukaw lill-bnedmin, nisa u rġiel ta'għada
isma', o Missier, it-talbiet tagħna

Agħti l-**Ispirtu ta' Paċi**:
għallem lill-popli kollha biex jirbħu kull firda u mibgħeda
isma', o Missier, it-talbiet tagħna

***Għal kull invokazzjoni nwieġbu:*** agħti d-dawl tal-Ispirtu tiegħek

Lill-Knisja li inti ġbart — agħti d-dawl tal-Ispirtu tiegħek
Lill-Insara li għadhom mifruda — agħti d-dawl tal-Ispirtu tiegħek
Lill-Papa u lill-Isqfijiet — agħti d-dawl tal-Ispirtu tiegħek
Lis-saċerdoti u lid-djakni — agħti d-dawl tal-Ispirtu tiegħek
Lir-Reliġjużi kollha — agħti d-dawl tal-Ispirtu tiegħek
Lix-xandara tal-Vanġelu — agħti d-dawl tal-Ispirtu tiegħek
Lill-familji kollha — agħti d-dawl tal-Ispirtu tiegħek
Lit-tfal u liż-żgħażagħ — agħti d-dawl tal-Ispirtu tiegħek
Lill-edukaturi — agħti d-dawl tal-Ispirtu tiegħek

Lil dawk li jieħdu ħsieb il-foqra u l-emarġinati agħti d-dawl tal-Ispirtu tiegħek
Lill-Gvernijiet u lill-mexxejja tal-pajjiżi agħti d-dawl tal-Ispirtu tiegħek
Lill-Popli li jinsabu fil-gwerer u vjolenza agħti d-dawl tal-Ispirtu tiegħek
Lil dawk li ma għandhomx tama agħti d-dawl tal-Ispirtu tiegħek
Lil dawk li qegħdin ifittxu l-verita agħti d-dawl tal-Ispirtu tiegħek
Lill-morda u lix-xjuħ agħti d-dawl tal-Ispirtu tiegħek
Lill-moribondi agħti d-dawl tal-Ispirtu tiegħek

Ħaruf ta' Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja, aħfrilna, nitolbuk Mulej.
Ħaruf ta' Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja, ismagħna, nitolbuk Mulej.
Ħaruf ta' Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja, ħenn għalina.

**TALBA I** ***jew***

**Nitolbu:**
Kun qrib tagħna, Mulej.
Inti li ħlaqtna u li dejjem tħobbna,
tonqos qatt
li tagħtina l-għajnuna tiegħek.
Agħmel li kuljum nagħrfu aktar
is-sbuħija tal-ħajja li inti tajtna,
u hekk b'ferħ kbir inkunu
xhieda ħajja tiegħek.
Bi Kristu Sidna.
Ammen.

**TALBA II**

**Nitolbu**:
Alla Missierna, xerred id-doni
tal-Ispirtu Qaddis tiegħek fuq id-dinja.
Inti bgħatt l-Ispirtu
fuq il-Knisja tiegħek
biex ixxandar l-Evanġelju:
ħalli l-Ispirtu jkompli jaħdem
fid-dinja permezz tal-qalb
ta' dawk kollha li jemmnu.
Bi Kristu Sidna.
Ammen.

**KANT:** **Bless the Lord**
Bless the Lord, my soul
And bless God's holy name
Bless the Lord, my soul
Who leads me into life.